MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Numru. 1123/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Charles Cutajar ta' 47 sena, iben Dominic u Odette nee' Giacosa, imwieled Cospicua fit-18 ta' Mejju 1963, minghajr indirizz fiss, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 275063(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Charles Cutajar li permezz taghha huwa gie akkuzat talli bejn l-1 ta' April 2005 u is-16 ta' Lulju 2005, b'diversi atti maghmulin minnu, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejer:

1. ikkometta serq ta' ghadd t'oggetti tad-dar, kif ukoll cekkijiet vojta minn cheque book tal-Bank of Valletta plc, minn fond Flat 4, Notre Dame, Triq il-Kannizzata, Marsascala, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin euro centezmi (€2329.37), ekwivalenti ghal elf lira Maltin, u bil-lok, u liema serq sar ghad-detriment ta' Robert Cutajar u/jew ta' persuni ohra.

2. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

3. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

4. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza kif imsemmi fl-artikolu 183 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U talli fl-istess data. hin u cirkostanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

6. Xort'ohra ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-akkuzi ta' qabel.

7. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' Robert Cutajar, Joseph Caruana u/jew ta' persuni w/jew entitajiet ohra.

8. iktar talli kiser il-provvediment ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu permezz ta' zewg sentenzi datati 22 u 27 ta' Settembru 2004 fejn l-istess Charles Cutajar kien misjub hati ta' pussess ta' droga u kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien disgha xhur u fi zmien tmintax-il xahar ripsettivament.

9. Finalment rrenda ruhu recidiv ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi w li ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-3 ta' Awwissu 2009;

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-proceduri sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;.

Rat l-atti kollha processwali;

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti proceswali jirrizulta illi f'xi zmien bejn April u Lulju tas-sena 2005 kienet sehhet serqa mill-fond Flat Nnru 4, Notre Dame, Triq il-Kannizzata. Marsascala proprjeta ta' Robert Cutajar li jigi hu l-imputat. Illi ma hux cert ezattament meta sehhet dina is-serqa peress illi dana Robert Cutajar jghix il-Kanada u tiehu hsieb l-istess fond ohtu Viviana Hopkins, meta huwa jkun imsiefer. Jidher illi l-ahhar li marret fil-fond kien fl-1 ta' April 2005. Meta

regghet accediet ghal fond fis-16 ta' Lulju 2005 hija osservat illi kienet sehhet serqa mill-appartament fejn sabet neqsin diversi oggetti fosthom stereo, televixin, washing machine, microwave u heater tal-gass fost affarijiet ohra u irrizulta wukoll illi kienu insterqu xi cekkijiet minn cheque book li kien hemm fl-appartament appartenenti lill-istess Robert Cutajar. Jidher illi xi jiem wara li sar dana ir-rapport minn Viviana Hopkins sar rapport iehor minn ghand certu Joseph Caruana ghar-rigward ta' cekk li gie mghoddi lilu mill-imputat u li kien baqa' ma isarrafx[1]. Caruana jsostni illi kien certu Louis Scerri li kien ressaqlu lill-imputat sabiex isarraflu dana c-cekk. Jghid illi huwa lill-imputat ma kienx jafu izda dana Scerri kien dahal garanti ghall-imputat illi c-cekk kien ser jigi onorat mill-bank. Illi minn informazzjoni li kisbet l-pulizija, irrizulta illi kien hemm tlett cekkijiet ohra mahruga fuq l-istess kont ta' Robert Cutajar mal-Bank of Valletta, kollha pagabbli lil Charles Cutajar liema cekkijiet kienu gew misruqa[2].

Illi meta interrogat mill-pulizija, l-imputat jichad l-involviment tieghu kemm fis-serqa kif ukoll fil-falsifikazzjoni tac-cekkijiet. Huwa jsostni illi lil Joseph Caruana qatt ma ghaddielu cekk biex isarrafulu, ghalkemm jghid illi kien hemm okkazzjonijiet fejn issellef il-flus minn ghand dana Caruana b'imghaxijiet gholjin. Jghid illi huwa ma ghandu xejn x'jaqsam ma' dawn ic-cekkijiet u bhala spjegazzjoni jghid illi kienet insterqitlu l-karta ta'l-identita' ghall-aktar minn okkazzjoni wahda u kien ghamel rapporti ta' dan gewwa l-ghasses ta' Bormla, Haz Zabbar u il-Belt.[3] Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi fil-fatt kien sar rapport mill-imputat dwar telf ta' karta ta'l-identita' fl-20 ta' Dicembru 2004.[4]

Illi min-naha tieghu Joseph Caruana isostni illi meta l-imputat kien tallbu sabiex issarafflu c-cekk esebit bhala Dokument JM2, huwa kien ipprezenta l-karta ta'l-identita'

---

[1] Ara Dokument JM3 a fol.17
[2] Ara Dokumenti JM8, 9 u 10 a fol.70
[3] Ara stqarrijiet a fols. 43 u 48 – Dokumenti JM2 u JM4
[4] Ara Dokument JM5 a fol.52

tieghu. Caruana minn naha tieghu jichad illi qatt sellef il-flus fuq l-idejn lill-imputat, kif jallega l-istess imputat.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel u it-tieni akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat kif rifless fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tipprospetta r-reat tas-serq u r-ricettazzjoni u dana ghad-dannu ta' Robert Cutajar li jigi hu l-imputat. Illi s-seba akkuza, dwar ir-reat tal-frodi a tenur ta'l-artikolu 308, ukoll sar a dannu ta'l-istess Robert Cutajar fost ohrajn. Dana ghalhekk necessarjament jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza u dana kif dispost fl-artikolu 332 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi testwalment:
**".. l-azzjoni kriminali ma titmexxiex minghjar il-kwerela tal-parti offiza, ghal reati li jsiru kontra l-hwejjeg ta'l-axxendenti jew kontra hwejjeg tal-qraba bi zwieg fil-linja ta'axxendenti, jew ta'l-ahwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi zwieg fl-istess grad …"**

Issa mill-atti processwali jirrizulta illi Robert Cutajar irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' huh u kwindi ghar-rigward ta' l-akkuzi tas-serq, ricettazzjoni u k-frodi sa fejn dina tikkoncerna lill-istess Robert Cutajar, l-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawrit [5]

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat tal-falsifikazzjoni. Dana huwa rifless fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali li tinsab a fol.127 tal-process. Illi fir-rigward ta' dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi meta wiehed ihares lejn l-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku. Illi certament dawna inghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali

[5] Ara Dokument JM6 a fol.53

fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza fis-17 ta' Ottubru 1997:

***"Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …***"

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi mill-atti processwali ma tezisti l-ebda prova illi kien l-imputat illi iffalsifika c-cekkijiet esebiti bhala Dokumenti JM3, JM 8, JM9 u JM10. Fil-fatt ghalkemm kull cekk individwali jidher illi inkiteb fl-intier tieghu mill-istess persuna, madanakollu l-Qorti ma tistax tikkonkludi illi il-kalligrafija hija komuni ghall-erba cekkijiet mertu tal-kawza. Lanqas ma tista l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-firma ta' Charles Cutajar li tidher fuq in-naha ta' wara ta'dawn l-erba cekkijiet saru kollha mill-istess persuna. Ma hemmx l-icken prova fl-atti dwar lil min tappartjeni il-kitba fuq kull wiehed minn dawn ic-cekkijiet. Li huwa cert hu illi dawn ic-cekkijiet ma sarux mill-

firmatarju li jidher fuqhom u cioe’ minn Robert Cutajar u dana peress illi fl-ewwel lok ma hemmx dubbju illi Robert Cutajar fiz-zmien in kwistjoni ma kienx Malta peress illi huwa fatt mhux ikkontestat illi dana jghix gewwa l-Kanada, kif ukoll il-firma fuq kull wiehed minnhom ma tinxtiebahx. Oltre dana kollu jirrizulta mill-atti illi dawn ic-cekkijiet kienu gew misruqa mic-cheque book ta’ Robert Cutajar fis-serqa mertu ta’ dina l-kawza.

Illi l-imputat ghalhekk jista jinstab hati biss dwar l-uzu tac-cekk iffalsifikat u cioe’ tac-cekk Dokument JM3 biss billi ghalkemm it-tlett cekkijiet l-ohra inharrgu fuq isem l-imputat madanakollu ma hemmx prova dwar minnipprezenta dawn ic-cekkijiet sabiex jissarrfu, kif lanqas ma hemm prova illi l-firma fuq in-naha ta’ wara ta’ dawn ic-cekkijiet, kif diga intqal, tappartjeni lill-imputat.

Illi Caruana isostni illi kien l-imputat li ipprezenta dana ic-cekk sabiex isarrafulu. Isostni illi laqqghu mieghu certu Louis Scerri, li madanakollu f’dawn il-proceduri ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu. Kwindi l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet u cioe’ dik ta’ Caruana u dik ta’ l-imputat li jibqa’ jichad illi kien hu li ghadda dana ic-cekk lil Caruana. Illi l-Qorti tistqarr illi ma temmnux. Ma hemmx dubbju illi c-cekk Dokument JM3 spicca f’idejn dana Caruana. Fil-fatt kien hu stess li ghaddieh lill-pulizija. Dana ic-cekk gie f’idejn Caruana bejn wiehed u iehor fl-istess perijodu illi dawn gew misruqa. Illi ghalkemm l-imputat isostni illi l-karta ta’l-identita tieghu kienet giet misruqa, madanakollu jidher illi dana sehh f’Dicembru tas-sena ta’ qabel oltre l-fatt illi Caruana isostni illi huwa gie muri l-karta ta’l-identita mill-imputat meta dana ghaddielu c-cekk. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat kien jaf illi huh kien imsiefer il-Kanada f’dana il-perijodu ta’ zmien u li ghalhekk ma setax hareg dan ic-cekk huwa. Dana jirrizulta mill-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-pulizija. Ghaldaqstant l-Qorti ma temmnux meta jichad l-involviment tieghu fl-uzu ta’ dana c-cekk.

Illi maghdud dana kollu il-Qorti hija tal-fehma illi hawnhekk si tratta tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali u cioe’ ‘l hekk ismejjah falz materjali. Dana

peress illi l-awtur apparenti tad-dokument ma huwiex l-awtur rejali tac-cekk Dokument JM3. Illi kif diga inghad iktar ‘il fuq, ma hemmx provi fl-atti processwali illi kien l-imputat li iffalsifika dan ic-cekk, izda biss illi ghamel uzu mill-istess u kwindi ser tinstab htija fil-konfront ta’l-imputat ghar-reat ikkontemplat fl-artikoli 184 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat tal-frodi a tenur ta’l-artikoli 308 tal-Kodici Kriminali.

**IL-LIGI**

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioe’ bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta’ dana ir-reat u cioe’ l’uzu ta’ ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta’ Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta’l-elementi ta’ dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b’dan il-mod ghar-rigward ta’ dana ir-reat:

***“Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta’ serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f’dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-***

***disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid***
***jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima***

***produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba***

***semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz, irnexxielu jaghmel qliegh li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu ta' Joseph Caruana. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 310(1)(b) u dana billi ic-cekk kien jeccedi l-ammont ta' Lm100.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali piuttost ikkulurita ta'l-imputat u l-fatt illi huwa recidiv, Inoltre gie ippruvat illi l-imputat bil-kummissjoni ta' dawn ir-reati kiser il-provvedimenti ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tas-27 ta' Settembru 2004[6] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta s-sentenza tat-22 ta' Settembru 2004 u kwindi l-Qorti ma tistax tghaddi biex iggib f-sehh l-istess sentenza.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 184, 308, 310(1)(b), 332, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit ghar-rigward ta'l-ewwel u it-tieni akkuza u filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet, r-raba u l-hames akkuzi, issibu hati tal-kumplament

[6] Ara sentenza Dokument JM11

u tikkundannah ghal perijodu ta’ hmistax-il xahar prigunerija. Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikoli 23(1))(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara li rat l-artikolu 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal perijodu iehor ta’tlett xhur prigunerija biex b’kollox ghalhekk l-imputat irid jiskonta il-perijodu ta’ tmintax-il xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------